**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 5 TA' FRAR, 2002**

**Numru: 11**

**Avviz Nru: 1037/01AE**

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikura taghha Anthony Micallef sija bil-polza u sija bil-ligi**

**vs**

**John Vella.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm522.35), danni sofferti f'incident tat-traffiku li sehh fl-4 ta' Marzu 1999 waqt li l-konvenut John Vella kien qed isuq il-vettura bin-numru MCT 007 f'Church Street, Msida baqa' hiereg minn fuq Stop Sign u baqa' diehel

gol-vettura Ford numru DBA 942 misjuqa minn Juljo Falzon u propjeta tal-assikurat tas-socjeta attrici Anthony Micallef u kkaguna danni fl-ammont fuq imsemmi.

Ra l-verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2002 li permezz tieghu l-konvenut ikkontesta l-kawza fis-sens li t-talba attrici hija preskritta ghat-tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Il-meritu jitratta dwar incident tat-traffiku li sehh fl-4 ta' Marzu 1999.

2. Il-kawza giet intavolata fl-24 ta' Settembru 2001.

3. L-Artikolu 2153 tal-Kap 16 jipprovdi:

*"L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn"*.

4. Il-konvenut xehed fis-seduta tal-lum, u ddikjara li huwa m'ghandu jhallas xejn. It-Tribunal irid jaghmilha cjara li l-Artikolu 2153 m'huwiex wiehed minn dawk il-kazijiet fejn jista' jinghata l-gurament lid-debitur jew lill-werrieta tieghu jew

lil dawk li l-jedd taghhom gejn minghandu (ara f'dan is-sens l-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 li jsemmi l-preskrizzjonijiet fejn jista' jinghata l-gurament decizorju lill-konvenut).

5. Is-socjeta attrici ma ressqet l-ebda prova li l-preskrizzjoni giet miksura b'wahda mill-mezzi li tikkontempla l-ligi.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut u jiddikjara li t-talba tas-socjeta attrici hija preskritta ghat-tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**